MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

31 ta' Mejju, 2018

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li l-kumpanija:

# 3 Repairs/ 3 Group

ma onoratx id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Il-konsumatur kien ħallas lill-kumpanija €49 biex jiġi installat programm sabiex ma tkunx tista' titniżżel il-pornografija, minħabba li l-kompjuter tiegħu kien qed jintuża minn persuni taħt l-età. Wara li ġie installat u l-konsumatur ħallas, dan baqa' xorta bil-problema li dan il-materjal seta' jitniżżel. Minkejja li kellem lil min għamel l-installazzjoni, xorta ma ngħatax rimedju.

It-Tribunal innota li r-rappreżentant tal-kumpanija ma deherx għas-seduta, minkejja li kien ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba, id-data u l-ħin tas-smiegħ u lanqas ma ssottometta risposta bil-miktub għal din it-talba.

Minn barra hekk, it-Tribunal irrimarka li l-verżjoni tal-konsumatur hija kredibbli u aċċettabbli, kif ukoll li għandu raġun għax ma ħax dak li ħallas għalih. Il-kumpanija ġiet għalhekk ordnata tħallas lill-konsumatur €49, bl-ispejjeż.

Josephine Borg
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)